# L-Iskola Primarja tas-Siġġiewi u l-Kapijiet Tagħha

## L-Edukazzjoni tal-Poplu

Meta ġew l-Ingliżi f'Malta, fil-bidu tas-seklu dsatax, l-edukazzjoni tal-poplu fil-gżejjer Maltin kienet nieqsa kważi għal kollox. Kont issib biss xi skejjel żgħar tal-knisja fl-ibliet ewlenin, apparti mis-Seminarju li kien istituzzjoni għall-formazzjoni u t-tagħlim tal-kleru. Fl-irħula ma kont issib xejn għajr xi tagħlim reliġjuż fiċ-ċentri tal-parroċċa.

In-nobbli u l-klassi għolja Maltija kienu jmorru jistudjaw, u wkoll jibagħtu 'l uliedhom, fi skejjel ġo Sqallija u f'istituzzjonijiet oħra, l-aktar fl-Italja.

Fl-isptar tal-Kavallieri kien hemm skola ta' l-anatomija u mediċina għat-taħriġ ta' tobba u infirmiera. Fl-1749, taħt il-Gran Mastru Emanuel Pinto, twaqqfet l-Università li ħadet post l-iskola ta' l-isptar. L-Università kienet tilqa' wkoll dawk li jkunu tħejjew barra l-pajjiż għax, kif għedna, għajr għas-Seminarju, skejjel primarji u sekondarji ma kienx hawn.

Taħt l-amministrazzjoni ta' l-Ingliżi bdiet tinħass il-ħtieġa ta' skejjel popolari għat-tagħlim, biex il-poplu, xi darba, jikseb id-drittijiet ċivili tiegħu u jkun jista' jieħu sehem fit-tmexxija ta' pajjiżu.

Kien fl-1839 li ngħatat il-libertà ta' l-istampa u dehru l-ewwel gazzetti. Dawn servew ħafna biex in-nies tibda taqra u tinvolvi ruħha kemm fil-politika kif ukoll f'attivitajiet soċjali oħrajn.

Uħud minn dawn il-gazzetti bdew jitkellmu dwar il-ħtieġa urġenti ta' skejjel għall-poplu. M'għaddiex ħafna żmien sakemm din l-għajta nstemgħet u twaqqfu l-ewwel tliet skejjel fl-Imdina, fiż-Żejtun u f'Ħal Lija. Kienu skejjel bla ħlas u kienu jilqgħu tfal mill-istess post u mill-irħula ġirien tagħhom.

Peress li s-Siġġiewi kien bogħod sew minn dawk iċ-ċentri, it-tfal tagħna ma setgħux imorru fihom u r-raħal kellu jistenna ftit snin oħra biex ikollu l-iskola tiegħu. Għall-ħabta ta' nofs is-seklu dsatax kibret it-talba għal aktar skejjel u l-Gvern ħass li kien wasal iż-żmien li jikkunsidra serjament din il-ħtieġa tal-poplu, tant li fl-1850 ġie inkarigat il-Kanonku Pawlu Pullicino, li kien Dirtettur ta' l-Edukazzjoni, biex iħejji rapport b'dan l-għan. Dan ippropona li kellhom jinfetħu numru ta' skejjel mill-aktar fis fl-irħula, biex jaqdu l-ħtiġijiet ta' dawk it-tfal li ma kellhomx skola fil-qrib.

Pullicino rrikmanda tliet kategoriji ta' skejjel, jiġifieri:

i) Skejjel għall-Belt Valletta u l-bliet il-kbar. F'dawn isir it-tagħlim kollu li jkun prattikabbli għall-edukazzjoni pubblika;
ii) Għall-irħula kbar, fejn it-tagħlim ikun ristrett għal ħtiġijiet tal-lokal li jkun;
iii) Għall-irħula bi ftit abitanti, fejn jingħata biss taħriġ indispensabbli għal skola primarja.

## Is-Siġġiewi Kien Meqjus tat-Tieni Kategorija

Il-gvern laqa' dawk il-proposti u fi żmien qasir infetħu 14-il skola għas-subien u 13 għall- bniet f'Malta, kif ukoll tnejn għas-subien u bniet fir-Rabat u fin-Nadur f'Għawdex.

Kien imnalla li dawk l-iskejjel bdew f'dak iż-żmien, meta l-ekonomija ta' Malta kienet tajba ħafna minħabba l-gwerra tal-Krimea, li kienet faqqgħet dik il-ħabta (1853). L-esiġenzi militari ta' l-Ingliżi, li kienu mdaħħla f'dak il-konflitt, ġabu ħafna ġid fil-pajjiż u n-nies setgħu jibagħtu lil uliedhom l-iskola.

Fis-snin ta' qabel dik il-gwerra kien hemm snin b'nuqqas ta' xita li ġabu għaks ma' kullimkien u li kieku kien hemm l-iskejjel żgur li dawk il-bdiewa u raħħala ma kinux se jħallu t-tfal tagħhom iqattgħu ħinhom fl-iskola.

## Is-Siġġiewi

L-ewwel skola għas-subien fis-Siġġiewi nfetħet fil-11 ta' Settembru 1854. Tliet xhur wara nfetħet dik għall-bniet. Inkitbu b'kollox 56 tifel, imma 44 biss kienu jattendu regolari. L-ewwel bniet daħlu fl-1855 meta kienu rreġistrati 141 tifla. Fl-1858 l-iskola kienet b'żewġ klassijiet għas-subien u tnejn għall-bniet – l-Ewwel Klassi b'26 tifel u t-Tieni b'14. Il-bniet kienu 25 fl-Ewwel Klassi u 8 fit-Tieni. Din l-ewwel skola nfetħet ġo dar żgħira, illum numru 129 in-naħa ta' isfel ta' Triq Santa Margerita.

It-tagħlim kien jikkonsisti fil-qari bil-Malti, bit-Taljan u bl-Ingliż, Aritmetika, Grammatika, Geografija, Katekiżmu u Kalligrafija. Il-bniet kellhom ukoll il-Ħjata u xogħol tal-Malja. Is-subien kienu jattendu mit-8.00am sa nofsinhar u mis-2.00pm sa l-4.00pm. Il-bniet kienu jibdew nofs siegħa wara u jispiċċaw fl-4.30pm.

Meta żdiedu t-tfal u nħasset il-ħtieġa għal aktar spazju, l-iskola ttieħdet fil-palazz kbir li hemm in-naħa ta' isfel tal-pjazza, biswit il-knisja ta' San Ġwann, fejn damet hemm għal aktar minn 90 sena.

Kien fl-1951 li s-subien ġew trasferiti fil-bini l-ġdid li kien għadu kif tlesta fi Triq l-Iskola. Fl-1959 marru wkoll hemmhekk il-bniet. L-iskola l-qadima mbagħad bdiet isservi bħala Għassa tal-Pulizija, Uffiċċju tal-Kunsill Lokali, Berġa u Każin Politku. Fl-1957 is-sezzjonijiet tas-subien u tal-bniet ġew amalgamati taħt kap wieħed u għadhom hekk sal-lum.

Matul din il-medda ta' snin, mifruxa fuq seklu u nofs, l-edukazzjoni fis-Siġġiewi kompliet miexja 'l quddiem u llum qegħdin ingawdu l-progress li sar f'dan il-qasam b'riżq it-tfal u l-abitanti tar-raħal tagħna.

## Kapijiet ta' l-Iskola

Meta fetħet l-ewwel skola fl-1854 din kellha bħala surmast is-Sur Salvu Mamo Cordina li ngħata l-ħatra fl-1 ta' Awissu 1854 b'salarju ta' £35 fis-sena. L-ewwel Sinjora tal-bniet kienet is-Sna Marianna Vassallo li laħqet fl-1 ta' Diċembru 1854 b'£21 fis-sena. Wara dawk iż-żewġ kapijiet baqgħu jilħqu oħrajn regolarment sal-ġurnata tal-lum.

Nagħlaq din il-kitba billi nagħti hawn taħt listi tas-Surmastrijiet u tas-Sinjori kollha, flimkien ma' xi tagħrif dwar tibdil li sar matul dan is-seklu u nofs kemm ilha teżisti l-iskola tas-Siġġiewi.

## SURMASTRIJIET U SINJORI FIS-SIĠĠIEWI MILL-FTUĦ TA' L-EWWEL SKOLA FL-1854 SAL-LUM

| **Surmastrijiet tas-Subien** | | |
|---|---|---|
| Salvatore Mamo Cordina | 1854 | (1 ta' Awissu) |
| Emmanuele Mangion | 1867 - 1872 | |
| Giovanni Zammit | 1872 - | (1 Novembru sal-31 ta' Diċembru) |
| Benedetto Borg | 1873 - 1875 | |
| Paolo Farrugia | 1875 - 1878 | |
| Michele Cini | 1878 - 1879 | (sal-31 ta' Awissu)) |
| Giuseppe Agius | 1879 - 1904 | (sat-30 ta' Novembru) |
| Pietro Scicluna | 1904 - 1905 | |
| Salvatore Meilak | 1905 - | (1 Ottubru sal-15 ta' Novembru) |
| Louis Doublet | 1905 - 1911 | (sal-31 ta' Marzu) |
| Rocco Farrugia | 1911 - 1917 | |
| Rogantino Cachia | 1917 - 1920 | |
| Joseph Arena | 1920 - 1923 | (sa Settembru) |
| Nazzareno Pisani | 1923 - 1946 | **(Inħatar Spettur ta' l-iskejjel)** |
| Catherine Spiteri | 1946 - 1948 | |

**(Miss Spiteri żammet postha bħala Sinjora tal-bniet u s-Sur Ungaro nħatar Surmast tas-subien)**

| | | |
|---|---|---|
| Vincent Ungaro | 1948 - 1949 | |
| Anthony Frendo | 1950 - | (Marzu sa Ottubru) |
| Francis Ebejer | 1950 - 1959 | |

Fl-1951 l-iskola tas-subien marret fil-post il-ġdid fi Triq l-Iskola.

| | | |
|---|---|---|
| Anthony Cassar Spiteri | 1958 - | (xahrejn biss) |
| Anthony Scerri | 1958 - 1960 | |

Fl-1959 il-bniet ukoll ġew trasferiti fl-iskola l-ġdida

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Cremona | 1960 - 1975 | **(Sar kap tas-Subien u tal-bniet)** |

Fl-1975 is-Subien u l-Bniet ġew amalgamati taħt kap wieħed.

| **Sinjori tal-Bniet** | | |
|---|---|---|
| Marianna Vassallo | 1854 | (1 Diċembru sa Marzu 1855) |
| Carmela Borg | 1855 - 1856 | (sa Ġunju) |
| Elena Bugeja | 1856 - 1858 | (sa Ottubru) |
| Antonia Milano | 1858 - 1859 | (sa Ġunju) |
| Victoria Sciortino | 1859 - 1866 | (sa Lulju) |
| Elena Bugeja | 1866 - 1869 | |

| | | |
|---|---|---|
| Madalena Debattista | 1869 - 1876 | |
| Giovanna Ciantar | 1876 - 1903 | |
| Anna Dingli | 1903 - 1904 | |
| Jole Vassallo | 1904 - 1906 | |
| Michelina Schembri | 1906 - 1908 | |
| Beatrice Wooton | 1908 - 1909 | |
| Teresa Moretti | 1909 - 1911 | |
| Marg. Borg Faremouth | 1911 - 1915 | (Irtirat) |
| Carmela Grima | 1915 - 1922 | |
| Carmela Vassallo | 1922 - 1924 | (Irtirat għaż-żwieġ) |

**Fl-1924 is-Subien u l-Bniet taħt kap wieħed sa l-1948.**

| | | |
|---|---|---|
| Catherine Spiteri | 1924 - 1954 | (maħtura Spettriċi fl-01/05/1954) |
| Concetta Attard | 1954 - 1961 | |

**Fl-1959 il-Bniet marru fil-bini l-ġdid fi Triq l-Iskola**

| | |
|---|---|
| Josephine Lanzon | 1961 - 1962 |
| Doris Scerri | 1962 - 1963 |
| Erminia Naudi | 1963 - 1975 |

**Fl-1975 is-Subien u l-Bniet ġew amalgamati taħt kap wieħed.**

**L-Iskola taħt Kap wieħed**

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Cremona | 1975 - 1980 | (sa April) |
| Vincent Abela | 1980 - | (April sa Lulju) |
| Pawlu Aquilina (Aġent Kap) | 1980 - 81 | |
| Katie Abela | 1981 - 84 | (sa Ottubru) |
| Pawlu Aquilina | 1984 - 89 | |
| Lorenza Bonnici | 1989 - 96 | |
| Carmen Camilleri | 1996 - 2005 | |
| Jane Axisa | 2005 - | |

**Sorsi ewlenin:**
P. Pullicino - *Rapporto sull'Educazione Primaria, 1854 , 1856*
Blue Books - 1854 sal-1923

**Nota:**
Dawn il-listi thejjew matul is-sena 2005 u ma jinkludux xi tibdil li seta' sar wara Settembru ta' l-istess sena.